ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tal-14-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's li saret nhar l-Erbgħa, 14 ta' Ġunju, 2011.**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Joe Agius u s-Sur Mario Bartolo.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-tlettax-il laqgħa tal-Kumitat ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Dwar l-istemma uffiċjali li ġiet proposta mill-Kumitat, iċ-Chairperson staqsiet jekk din kienetx intbgħatet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni. Is-Segretarju wieġeb fl-affermattiv.

Dwar il-*bus shelter* li twaħħal fi Triq San Leonardu, is-Sur Farrugia qal li l-Kumitat iħossu diżappuntat bir-risposta ta' Transport Malta, kemm minħabba l-fatt li l-Kumitat fl-ebda stadju ma ġie kkonsultat dwar din il-materja, kif ukoll għar-raġuni li l-ebda uffiċjal minn Transport Malta mhu lest li jiltaqa' ma' rappreżentant tal-Kumitat biex jekk hu possibli, l-*bus shelter* tiġi spustjata biex ma tkunx ta' periklu.

Item 4 – Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5– Xogħol tal-Kumitat

Ma kienx hemm xogħol tal-Kumitat.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Farrugia ppropona li l-Kumitat jerġa' jikteb ittra lil Transport Malta biex jesprimi n-nuqqas ta' qbil tiegħu dwar il-mod li ġiet trattata din il-kwestjoni. Is-Sur

Bartolo ssekonda l-proposta tas-Sur Farrugia u l-Kunsill qabel unanimament li tinkiteb din l-ittra lil Transport Malta.

Is-Sur Clews tkellem dwar ir-rotta li l-kumpanija Arriva ser tkun qed tħaddem f' St Peter's u qal li bħalma ġara f'ħafna lokalitajiet, din il-kumpanija m'għamlet l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali u mal-Kumitati Amministrattivi. Konsegwenza ta' hekk, ir-rotot ġew stabbiliti arbitrarjament mill-kumpanija Arriva. Rriżultat ta' dan ir-residenti ta' St Peter's mhux ser ikollhom aktar il-provista ta' rotot essenzjali fosthom trasport lejn l-isptar u l-Università . Is-Sur Clews ippropona li l-Kumitat jikteb lill-kumpanija Arriva biex iressaq l-ilmenti tar-residenti. Is-Sur Bartolo filwaqt li ssekonda l-proposta tas-Sur Clews, qal li sfortunatament anke s-servizz lejn St Luke's ġie eskluż mis-servizz li ser ikun qed jingħata bir-rotot il-ġodda. Il-Kumitat qabel unanimament li jressaq dawn l-ilmenti.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-ħmistax-il laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 6 ta' Lulju, 2011.

Maria Elenea Debattista
*Chairperson*